MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2005

Numru 472/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Stephen Pirotta**

**Illum 18 ta' Lulju, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Stephen Pirotta ta' 34 sena iben Pawlu u Nina nee` Galea, imwieled Pieta nhar id-29 ta' Novembru 1970, u joqghod Blokk I Entrance A Flat 7 Triq Hal-Farrug Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita` 506670(M) gie akkuzat talli:

Fit-10/11/04 ghall-habta tas-2.30pm, waqt li kien f'dawn il-gzejjer cioe fi Triq Geronimo Abos l-Iklin, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Gabriel Joseph Galea ID 576089(M) liema ferita tista' tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew tista' iggib difett f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew tista' iggib mankament jew sfregju fil-wicc.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li m'ghandux htiega ta' avukat. Il-Qorti spjegat lill-imputat bl-aktar mod car dwar id-dritt tieghu li hu jkun assistit minn avukat ghal aktar minn darba u meta regghet staqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax id-dikjarazzjoni tieghu li m'ghandux htiega ta' avukat, l-imputat rega' ikkonferma li m'ghandux htiega ta' avukat.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok VA3 u nnuntat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr. Raphael Fenech Adami ghall-parte civile l-minuri Gabriel Joseph Galea u fil-prezenza ta' l-istess parte civile u l-genituri, iddikjara li l-minuri Gabriel Joseph Galea u l-genituri tieghu qeghdin jahfru lill-imputat dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fis-Seduta ta' llum l-imputat seduta stante skuza ruhu dwar l-akkadut mal-parte civile l-minuri Gabriel

Joseph Galea fil-prezenza tal-genituri tal-istess parte civile.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Stephen Pirotta, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, dak dikjarat minn Dr. Raphael Fenech Adami ghall-parte civile l-minuri Gabriel Joseph Galea fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, l-fatt li fis-Seduta ta’ llum l-imputat seduta stante skuza ruhu dwar l-akkadut mal-parte civile l-minuri Gabriel Joseph Galea fil-presenza tal-genituri tal-istess parte civile u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Stephen Pirotta b’obbligazzjoni personali ta’ mitt lira Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Gabriel Joseph Galea ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Stephen Pirotta l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------